Minuti tas-seduta numru ħamsa (5) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru, 2024, u li tkompliet fil-21 ta' Ottubru, 2024, fil-Bini Amministrattiv, 30, Triq Inguanez, ir-Rabat, fis-6:00pm.

16/10/24

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

| | | |
|---|---|---|
| SKUZATI: | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Terence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Galea | Kunsillier |

21/10/24

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Vici Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillieri |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

05.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Presendenza u Apoloġiji

Il-Ħadd, 13 ta' Ottubru, intbgħatet ittra ta' aploloġija tas-Sur Terence Sant. Din kienet milqugħa.

Il-Viċi Sindku, illum, 16 ta' Ottubru, ċempel lis-SE u infurmaħ li ma setgħax jattendi għax ma jiflaħx. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus li ppresjeda l-laqgħa u qal li kellu talba b'e-mail ukoll tas-Sa Graziella Brincat. Dawn it-tliet kunsillieri ġew skużati b'vot unanimu.



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

05.02 **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta preċedenti** Minuti

Is-SE qara l-emendi li għamlet is-Sa Charmaine Balzan. Dawn ġew aċċettati u l-minuti kienu proposti mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sa Charmaine Balzan u approvati b'vot unanimu.

**Punti mil-Minuti**

5.02.01 Is-Sur Sandro Craus semma' l-każ tas-Sur Anthony Borg dwar l-aċċident li kellu bil-vettura fi Triq Ġilormu Dingli. Hu staqsa min għamel il-kantun hemmhekk għaliex żgur li ma kienx il-Kunsill li għamlu u spiċċajna b'talba għax xi ħadd laqat il-vettura miegħu. Is-Sur Sandro Craus qal li din irridu nerġgħu narawha. Inċident fi Triq Ġilormu Dingli

Fil-laqgħa ta' nhar il-21 ta' Ottubru kien ukoll għal darb'oħra diskuss il-każ tas-Sur Anthony Borg. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, tkellem dak il-ħin stess fuq it-telefon mas-Sur Paul Tanti u dan ċaħad li għamlu hu għan-nom tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u s-Sur Rudolph Grima tkellmu fuq preċedent li wieħed jista' joħloq inutilment u qablu li l-każ ikun diskuss mal-avukat tal-Kunsill filwaqt li Terence Sant qal li hemm ċans li dan se jdawwarha kontra tagħna jekk se ngħidulu li qed nistennew lil Transport Malta sabiex jirranġaw it-triq għax xi ħadd għadda minn fuq il-bankina u kissirha.

05.03 **Sejħa pubblika għal Receptionist/Customer Care/Telephone Operator wara riżenja ta' Uffiċjal Eżekuttiv u talba minn Assistent Prinċipal biex tingħata Reduced Hours.** Sejħa Pubblika

Il-KLR approva unanimament li toħroġ is-sejħa għal *Receptionist/Customer Care/Telephone Operator* b'mod definit peress li għandu l-fondi biex isir il-ħlas tagħha u laqa' wkoll it-talbiet tal-Assistent Prinċipal għas-sigħat ridotti u anke r-riżenja tal-Uffiċjal Eżekuttiv.

05.04 **Aċċident b'vettura - talba għal rimbors** Inċident fi Triq Għajn Qajjet

Il-KLR ma jistax jidħol responsabbli għal nuqqasijiet li kien wettaq il-kuntrattur tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dan għaliex Triq Għajn Qajjet kienet saret mill-KSI. Aktar tard xi ħadd mhux magħruf illapazza billi tefa' il-qatran fuq din il-*manhole cover* li kienet diġa' ċediet u minflok ġiet mgħollija 'l fuq, din żdidilha aktar piż fuqha sakemm sfrundat għal kollox.

Inċident ieħor li semmew is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE kien dak li xi ħadd waqa madwar sena ilu fil-parkeġġ f'Misraħ Anton Agius u qed ifittixna għax weġġa'. L-argument tagħna għandu jkun li l-parkeġġ mhux tal-Kunsill iżda immaniġjat minn *Transport Malta.* Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab li tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jgħidilna ta' min hija l-art tal-parkeġġ. Inċident fil-Parkeġġ

05.05 **Ġbir taż-żebbuġ għall-għasir** Ġbir taż-żebbuġ

L-attività se tkun ridotta għal fuq jum wieħed is-Sibt, 9 ta' Novembru, bejn id-9:00am u nofsinhar biex din żgur ma ttellifx it-traffiku fi Vjal il-Ħaddiem li jkun irid imur lejn il-fiera ta' San Martin fil-Baħrija.

05.06 **Ġemellaġġ ma' Solarino** Ġemellaġġ ma' Solarino

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus aġġorna lill-KLR bil-mawra fostna tas-Sindku ta' Solarino, is-Sur Giuseppe Germano. Is-Sur Rudolf Grima qal li kien imissu kien involut il-Kunsill kollu filwaqt li s-Sur Craus qallu illi kulħadd kien jaf li dan ġej fostna x'ħin issemma' l-involviment ukoll ta' xi wħud mil-kunsillieri tar-Rabat. Fakkar ukoll li għandna wkoll insaħħu l-involviment tal-belt ġemellata magħna ta' Tarquinia. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva b'vot unanimu il-ġemellaġġ ma' Solarino u se jibda' l-inkartament sabiex napplikaw mad-Dipartiment Gvern Lokali.


*Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;*

| | | |
|---|---|---|
| * | Is-Sur Rudolf Grima talab li jkun skużat minħabba mpenji oħra u dan ħareġ mil-kamra fis-7:00pm. | Ħruġ mil-kamra |

05.07 **Ħarġa għall-anzjani** — *Ħarġa għall-anzjani*

Din il-ħarġa kienet organizzata mis-Sa Graziella Brincat u għaliha kien hemm ukoll preżenti s-Sindku, is-Sur Sandro Craus li rringrazzja lil Fr Carl, lis-Sa Graziella Brincat u lis-SE. F'din il-mawra tqassmu formoli biex l-anzjani stess jagħżlu l-preferenza tagħhom f'liema attivitajiet huma interessati li jipparteċipaw biex il-KLR jaħdem fuq dawn it-tip ta' attivitajiet.

05.08 **Tiġdid u ħruġ ta' offerta tal-Latrina Pubblika (Triq il-Kulleġġ u Triq Santa Rita u tal-Baħrija)** — *Latrini pubbliċi*

Id-dokument tat-tender kien ipprovdut mal-karti tal-agenda u l-minuti u għaldaqstant meħud bħala moqri. Dan kien approvat bl-emenda li se tkun tinkorpora t-tliet latrini, anke dik tal-Baħrija u min jieħu latrina waħda ma jkunx jista' jissottometti l-bid għall-oħra. Għaldaqstant trid issir din l-emenda li xtaq li ssir is-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Id-diskussjoni kienet iffukata fuq jekk għandniex nagħmlu s-servizz bil-ħlas (per ezempju €0.50) jew inkella ikun hemm kaxxa li twaddbilha l-flus biex tagħtik per ezempju t-*toilet paper* u s-sapun tal-idejn. Dwar din il-proposta, is-Sur Nazju Cassar ma qabilx. Is-SE qal illi suppost ikun hemm bye-law biex il-Kunsill ma jkunx interpretat li daħħal/introduċa taxxa ġdida minkejja li fil-lokalità tal-Belt Valletta din il-prassi ilha teżisti snin u m'hemm l-ebda' bye-law. Is-SE sar jaf bil-miżata għax kien daħal jinqeda' hemmhekk diversi snin ilu. Intant se nieħdu parir jekk nistgħux noħorġu bye-law biex tkopri wkoll is-servizz li l-KLR be ħsiebu jitlob ħlas għalih.

05.09 **Tiġdid tal-kuntratt tal-Project Leader tal-Lampi tat-Toroq** — *Project Leader*

Dwar it-tiġdid tal-kuntratt tal-Project Leader ittieħed il-vot fil-laqgħa tas-16 t'Ottubru u kien hemm erba' favur u wieħed astjena li kien is-Sur Nazju Cassar. Hu qal illi ma jaqbilx illi dan ikun xi ħadd li jmur biss biex juri li l-kuntrattur fejnha l-lampa għaliex għandu jiċċertifikaha wkoll li tkun issewwiet u għaldaqstant irid ikollu kwalifika fl-elettriku.

| | | |
|---|---|---|
| * | Il-laqgħa aġġornat fis-7:17pm bis-Sur Nazju Cassar joħroġ mil-kamra għax ma kienx hemm kworum biex titkompla l-laqgħa filwaqt li s-Sur Sandro Craus qal illi aġir bħal dan jista' jtellef il-KLR mil-fondi tal-inizjattiva li se tkun diskussa f'punt 5.16 bl-isem *Vjal Kulħadd*. Kienet iffissata d-data oħra għal-laqgħa nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru, fis-6.00pm. Dan minkejja li saret talba lis-SE biex il-laqgħat ikunu jistgħu jibdew fil-5.00pm u mhux fis-6.00pm peress li fix-xitwa jidlam kmieni. | Mingħajr Kworum |

**Tkomplija tal-laqgħa - Data tal-laqgħa: 21 ta' Ottubru, 2024 fis-6.00pm**

05.10 **Tiġdid tal-kuntratt ta' Charlies Gauci (kera tal-bitħa fil-Lawrenti)** — *Kiri ta' bitħa*

It-tiġdid tal-kuntratt tal-bitħa ta' Lawrenti fejn qed jinżamm il-pavimentar tal-ġebel tal-qawwi, porfido u lava kien imġedded għal €2,000 fix-xahar. Kien hemm qbil illi jintuża dan il-materjal immedjatament biex ma nibqgħux inħallsu din il-kirja inutilment. Hawnhekk is-Sur Nazju Cassar qal illi l-ewwel biċċa xogħol li għandha ssir biex ikun ikkunsmat dan il-materjal hija l-bankina li hemm f'Misraħ San Duminku fejn hemm tkissir kbir. Dwar dan se napplikaw mal-iskema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Issemmew ukoll postijiet oħra bħall-isqaq fi Triq il-Kulleġġ, fejn l-appartamenti tal-gvern eċċ.

Kien hemm qbil li joħrog tender tal-manutenzjoni tal-bankini, li jkun jista' jintuża l-porfido, l-lava, l-konkos, il-paving blocks u l-hard stone, ma dak li hemm ukoll mal-kuntrattur Bonnici Bros li jagħti l-fakulta' li wieħed jista' jutilizzaħ għal dan il-għan.


*Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;*

05.11 **Ħruġ ta' offerta pubblika għall-kiri ta' garage**

Kiri ta' garage

Kien approvat id-dokumentazzjoni tal-offerta pubblika li draft tagħha kienet pprezentata mal-agenda biex f'dan il-garage jinzammu l-vetturi tal-KLR u fih jiġu ċċarġjati l-makkinarju li se jagħtuna l-Cleansing and Maintenance Department biex jitnaddfu t-toroq.

05.12 **Ħruġ ta' offerta pubblika għaż-Żamma tas-Soft Areas**

Soft Areas

Dwar is-siti li se jkunu koperti f'dan il-kuntratt se jsiru l-emendi li kienu indikat mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus. L-emendi kienu dwar kif se jinqasmu l-lots u fuq kollox biex ninkorporaw soft areas meqjusa bħala ġodda bħal dak tal-promenade ta' Għeriexem.

05.13 **Manutenzjoni tal-latrina tal-Baħrija**

Latrina tal-bankina

Bħal issa qed isir ix-xogħol fuq il-latrina tal-Baħrija peress li din inqalgħet ta' taħt fuq biex il-fondi jkunu irkuprati mill-iskema Latrini Awtomizzati.

05.14 **Approvazzjoni tal-permessi – Kabbani San Martin il-Baħrija**

Kabbani tal-Festa ta' San Martin tal-Baħrija

Flimkien mal-lista pprezentata mis-SE biex jingħataw il-permessi lil dawk is-sidien li kienu ingħataw is-sena l-oħra, is-Sur Paul Grech qal illi hu għandu talba biex jingħataw il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristorant tal-Kuġini u n-North Country. Din it-talba kienet milqugħa unanimament.

05.15 **Laqgħa Pubblika tal-lokalità**

Laqgħa pubblika

Se tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss biex tinstab ġurnata ħalli jibda' x-xogħol fuq il-Budget 2025.

05.16 **Vjalkulhadd-applikazzjoni tas-Saqqajja**

Vjal Kulħadd

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se japplika fuq il-proġett tas-Saqqajja. Dan sar wara li kien hemm qbil unanimu.

05.17 **Skeda tal-Pagamenti (363) u dik tax-xiri u servizzi (81)**

Skedi tal-pagamenti u x-xiri

Dawn l-iskedi kienu approvati unanimament.

**PUNTI OĦRA**

05.18.01 Dwar il-bye-law li ppropona s-Sindku, minħabba l-latrina pubblika biex tiġi bil-ħlas, hu qal illi hemm anke kunsilli lokali li għandhom bye-law per eżempju biex jikru s-sala tal-Kunsill għal xi party għaldaqstant din hija xi ħaġa sekondarja.

Bye-Law

05.18.02 Is-Sur Rudolph Grima ta d-dettalji dwar l-attività ir-*Rabat Sacrum.* Hu qal li t-tħejjijiet jinsabu fil-milja tagħhom filwaqt li ħeġġeġ lill-kunsillieri biex jixxerjaw ir-*reels* fuq il-mezzi soċjali biex ikun hemm aktar *marketing* tajjeb għal din l-attività kulturali.

Rabat Sacrum

05.18.03 Is-Sur Rudolph Grima ħalla l-kamra fit-8.00pm.

05.18.04 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti ta dettalji dwar iż-żjara fostna tal-programm CERV. Hu rrefera għal-laqgħa li kellu mas-SE flimkien mal-Lead Partner. Dawn qed jissuġġerixxu li jkunu mistiedna diversi kelliema biex jitħadtu fuq is-sehem taż-żgħażagħ fil-politika b'mod speċjali s-sehem tan-nisa. Kien suġġeriment illi l-laqgħa mas-Sindku tar-Rabat issir fl-awditorjum ta' San Duminku flok fil-Kunsill Lokali jew fil-Kunvent ta' Santu Wistin. Kien suġġerit biex jinġiebu stimi għall-ikla fil-Belt Valletta mingħand is-Sur Joseph ta' Cafe' Luciani Tel: 99454543

CERV

05.18.05 Is-Sur Paul Grech telaq mil-kamra fit-8.30pm

05.18.06 Is-Sur Terence Sant talab l-ispecs tat-telefonija u l-internet tal-kuntrattur tal-binja 8, Triq l-Isptar, lis-SE biex jgħin fil-migrazzjoni tal-KLR lejn il-binja oriġinali tiegħu.

Linji u cctv's



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;*

Bħalissa, hu qiegħed jaħdem ukoll fuq l-integrazzjon tas-CCTV cameras eżistenti biex ikunu aċċessibbli mil-binja tal-KLR. Saret viżita fil-librerija pubblika biex instab fejn se jitwaħħal il-cabinet li se jkun qed jieħu d-dvr li fuqu se jkunu irrekordjati il-filmati tal-cameras taċ-Ċentru Ċiviku.

05.18.07 Is-Sa Graziella Brincat ipproponiet illi ssir żjara f'Għawdex nhar il-15 ta' Novembru, 2024. Hija qed tipproponi li jkunu għall-ikel fir-Ristorant Lantern u jżuru ta' Pinu u r-Rabat. Ħarġa Għawdex

05.18.08 Is-Sa Charmaine Balzan ipproponiet ħarġa għat-tfal fl-Eco Hive. Talbet biex issir *works order* għat-trasport u biex takkumpanjaha is-Sa Naiomi Bugeja Micallef mill-uffiċċju, dejjem jekk ikun possibbli. Ħarġa għat-tfal

05.18.09 Is-Sa Charmaine Balzan talbet biex issir xatba fi Triq tal-Virtù għaliex deħlin ħafna stranjieri u qed iħammġu mogħdija privata. Kien hemm qbil unanimu li din issir mingħajr imfietaħ. Xatba

05.18.10 Is-Sa Charmaine Balzan talbet feedback dwar il-barriera ta' Santa Katerina. Is-Sindku qal illi kellhom laqgħa fit-3 ta' Ottubru, hu u s-SE mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-*enforcement* li ħarġu biex ma jibqgħux deħlin vetturi jarmu il-materjal fiha, peress li din ukoll kienet fil-*media*. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li ltaqa' mas-sid u qallu li 'il quddiem se jkunu qed jippreżenta pjan ta' rijabilitazzjoni tal-barriera permezz tal-konsulent tiegħu is-Sur Johann Buttigieg. Is-SE qal li se nitkellmu wkoll mal-ERA għaliex dwar il-*method statement* ta' per ezempju l-gzuz li qed jakkumulaw, l-Awtorità tal-Ippjanar qalet li ma tidħolx fihom. Barriera ta-Tlata

05.18.11 Kien hemm suġġeriment dwar *U-Bars* u sleeping policeman fi Triq il-Ħobbejża, Suġġerimenti

05.18.12 Kine hemm suġġeriment biex isir tindif tal-Belveder fejn il-kastell tal-Virtù u biex issir *planter* fl-istess post

05.18.13 Kine hemm ukoll suġġeriment biex issir Clean up minn AX Holdings

05.19 **Data u ħin tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li jmiss** Aġġornament
Il-laqgħa spiċċat fid-21.15pm u dik li jmiss se ssir nhar l-20 ta' Novembru fil-5.00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22 ta' Ottubru, 2024 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;*